MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2011

Numru. 137/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Floyd Attard**

Kumpilazzjoni Nru: 137/2010

Illum, 24 ta’ Marzu 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Floyd Attard, ta’ 25 sena, iben Carmelo u Anne nee’ Zammit, imwieled Pieta fl-10 ta’ Awissu, 1984 u residenti fil-fond numru 24,Triq id-Duluri, Isla u detentar tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru: 400284M

Akkuzat talli fid-29 ta’ Jannar, 2010 ghal habta ta’ 6:30pm, waqt li kien gewwa l-fond Style Computers sitwat fi Triq Buqexrem, Fgura, ikkommeta serq ta’ Laptop ghal valur ta’ madwar €500 liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bil-hin ghad-detriment ta’ Mario Mizzi minn Hal-Balzan.

U aktar talli zminijiet wara d-29 ta’ Jannar, 2010 f’diversi bnadi f’dawn il-gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibiegbhhom jew imexxihom, u cioe’ laqa’ ghandu laptop ghal valur ta’ madwar €500 liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bil-hin ghad-detriment ta’ Mario Mizzi minn Hal-Balzan.
U aktar talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 moghti lilu mill-Qorti tal-Magistrati, Malta nhar is-17 ta’ Dicembru, 2008.

U b’hekk rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(c)(f), 267, 270, 289 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici u ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi jirrizulta li fid-29 ta’ Jannar 2010 ghall-habta tas-6.30pm l-imputat dahal fil-hanut Style Computers u talab stima ta’ camera u computer. Sakemm s-salesgirl gabet il-

print out ta’ l-istima minn kamra fuq gewwa l-imputat hareg mill-hanut ghal ftit hin u rega dahal biex ha l-istima. Meta hu hareg is-salesgirl indunat li kien hemm laptop nieqes minn fuq display; hi harget titawwal u rat lill-imputat diehel f’karozza fejn kien hemm persuna ohra; is-salesgirl hadet in-numru ta’ registrazzjoni tal-karozza. L-imputat pero rega’ dahal fil-hanut u qal lis-salesgirl li kuginuh li kien mieghu dahal fil-hanut u ha laptop u li hu kien ser jigiebulha lura. L-imputat fil-fatt ghamel kuntatt kemm mas-salesgirl kif ukoll ma’ sid il-hanut aktar tard dak in-nhar stess biex jghidilhom li huwa qed jipprova jgib il-laptop biex jirritornah. Sa l-ghada fil-ghodu il-laptop ma giex ritornat allura sid il-hanut ghamel rapport mal-pulizija. Il-pulizija a bazi ta’l-informazzjoni lilhom mghotija fittxew u arrestaw lill-imputat; dan fil-waqt li kkonferma dak li kienu qalu s-salesgirl u sid il-hanut lill-pulizija nnega li kien hu li seraq il-laptop u rega esprima r-rieda li jipprova ggib il-laptop minghand il-persuna li kienet mieghu. L-imputat inghata police bail ghal ftit sieghat u fil-fatt irnexxielu jgib il-laptop lura u kkonsenjah lill-pulizija. L-imputat baqa ma tax informazzjoni dwar minn kienet il-persuna l-ohra u li skond hu kienet il-persuna li serqet il-laptop.

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma serq, ricettazzjoni, ksur ta’ liberta kondizzjonata u recidiva.

Illi pero mill-kwadru ta’ fatti fuq esposti fil-fehma tal-Qorti ma jistghux jirrizultaw ir-reati principali u cioe s-serq ta’ dan il-laptop jew r-ricettazzjoni tieghu.

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa inverosimili ghall-ahhar li persuna li dahlet f’hanut biex tisraq xi haga, jew biex tghin lil xi hadd iehor jisraq xi haga, terga tidhol fil-hanut, minn jeddha, biex tinforma lis-salesgirl li l-persuna li kienet mieghu kien ghadu kemm seraq xi haga u li hu ser jaghmel minn kollox biex igieb din il-haga lura.  Mhux talli hekk talli jibqa’ f’kuntatt ma’ sid il-hanut u anke wara li gie arrestat irnexxielu ggib il-laptop u jirritornah lill-pulizija.

Illi huwa improbabbli ukoll li l-laptop in kwistjoni kien fil-pussess ta’l-imputat hlif ghal ftit hin meta mar igiebu minghand terzi biex jikkonsenjah lill-pulizija.

Illi huwa veru li l-ahjar haga li seta’ jaghmel l-imputat biex jiskopla lilu nnifsu huwa li jsemmi lil din il-persuna li serqet il-laptop pero fi proceduri kriminali l-imputat huwa prezunt imocenti u hija l-prosekuzzjoni li ghandha tipprova ’l hemm minn kull dubbju ragonevioli r-reita ta’l-imputat u mhux l-imputat li jrid jiskolpa lilu nnifsu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijet migjuba kontra tiwghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------